**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 06-2014**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Diċembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-26 ta' Novembru 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Tiżjin u attivitajiet tal-Milied 2014 fix-Xlendi.
3. Memo 27/2014 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-15.
4. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 05-2014.

**2.00 Tiżjin u attivitajiet tal-Milied 2014 fix-Xlendi.**

2.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar tiżjin tal-Milied li ser isir fix-Xlendi hekk kif ġie deċiż fil-laqgħa preċidenti tal-Kumitat. Din is-sena se jsir tiżjin bl-armar li diġà għandu l-Kumitat/Kunsill. Dan l-armar jikkonsisti f'girlandi, *fairy lights* u stilla kbira. Il-*fairy lights* li huma bil-ħsara se jitranġaw u t-tiżjin ser isir mill-Munxar Falcons Football Club. It-tiżjin ser jintrama bejn it-8 u l-14 ta' Diċembru 2014. Ser isir tentattiv sabiex l-istilla ssir sas-6 ta' Diċembru 2014.

**3.00 Memo 27/2014 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-15.**

3.01 Il-Kumitat ġie infurmat li se jingħata s-somma ta' €5,000. Peress li l-Kumitat ma huwiex se jingħata s-somma kollha li talab, se nitolbu permess sabiex din l-attività tiġi ridotta fuq jumejn u tittella' fis-27 u 28 ta' Diċembru 2014. Din l-attività se tikkonsisti f'*Christmas Market* b'*open market stalls*, *Christmas market stalls*, *traditional Christmas delicacies* u *arts and crafts stalls* kif ukoll *variety shows* b'korijiet, animazzjoni, *live bands* u *singing and dancing shows*.
.

**4.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

4.01 Il-Kumitat kien ser iwaqqaf l-*adjudication board* sabiex jiġu ġġudikati *tenders* li ħarġu fuq Ix-Xlendi.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kumitat irċieva talba għall-approvazzjoni sabiex bankina quddiem l-istabbiliment tal-ikel C7 li qiegħed fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Pjazza l-Anfori titwessa'. Ġie deċiż li l-Kumitat jara x'se jiddeċiedi l-Kunsill.

**6.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

6.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***